**Parlament Ewropew**
2019-2024

*Kumitat għall-Affarijiet Barranin*

**2018/0358M (NLE)**

5.12.2019

# OPINJONI

tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin

għall-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim ta' Protezzjoni tal-Investiment bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam, min-naħa l-oħra
(2018/0358M(NLE))

Rapporteur għal opinjoni: Isabel Wiseler-Lima

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Barranin jistieden lill-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jissottolinja li l-iżvilupp ekonomiku u l-multilateraliżmu huma għodod importanti biex itejbu ħajjet in-nies; jirrimarka li wieħed mill-objettivi tal-Ftehim dwar il-Protezzjoni tal-Investiment huwa li tissaħħaħ ir-relazzjoni ekonomika, kummerċjali u ta' investiment bejn l-UE u l-Vjetnam f'konformità mal-objettiv tal-iżvilupp sostenibbli, u li jiġu promossi l-kummerċ u l-investiment f'konformità sħiħa ma' standards u ftehimiet dwar id-drittijiet tal-bniedem, l-ambjent u x-xogħol;

2. Jiddispjaċih li l-Kummissjoni ma għamlitx valutazzjoni tal-impatt tad-drittijiet tal-bniedem fuq il-Ftehim dwar il-Protezzjoni tal-Investiment UE-Vjetnam, li jmur kontra d-deċiżjoni tal-2015 tal-Ombudsman tal-UE, kif ukoll il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija; jistieden lill-Kummissjoni tagħmel immedjatament valutazzjoni tal-impatt tad-drittijiet tal-bniedem; jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-Kummissjoni kienet impenjat ruħha wkoll li tagħmel valutazzjoni *ex post* tal-impatt ekonomiku, soċjali u ambjentali;

3. Jilqa' d-djalogu politiku msaħħaħ bejn l-UE u l-Vjetnam u l-possibbiltà li jiġi indirizzat it-tħassib dwar id-drittijiet tal-bniedem fil-qafas tal-mekkaniżmi istituzzjonali stabbiliti skont l-Artikolu 35 tal-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni u l-Artikolu 13 tal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles; itenni li dawk l-artikoli, flimkien ma' sistema ta' evalwazzjoni perjodika, jipprovdu għodod biex jindirizzaw it-tħassib dwar id-drittijiet tal-bniedem relatati mal-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar il-Protezzjoni tal-Investiment, iżda jridu jkunu akkumpanjati minn skrutinju mill-UE u l-Istati Membri tagħha, u minn mekkaniżmu indipendenti ta' monitoraġġ u tressiq ta' lmenti, li joffru liċ-ċittadini u lill-partijiet interessati milquta rikors effettiv għal rimedju u għodda biex jiġu indirizzati l-impatti negattivi potenzjali fuq id-drittijiet tal-bniedem; jieħu nota li anke jekk Parti tista' tieħu miżuri xierqa unilateralment meta tqis li l-Parti l-oħra tkun ikkommettiet ksur materjali tal-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni, dawn il-miżuri huma kompletament għad-diskrezzjoni tal-Partijiet u ntużaw biss f'ċirkostanzi eċċezzjonali ħafna;

4. Jisħaq fuq li l-fatt li skont it-Titolu VI tal-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni, il-Partijiet jaqblu li jikkooperaw fil-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, u fl-oqsma tal-ugwaljanza bejn is-sessi, it-tibdil fil-klima, il-migrazzjoni, is-saħħa, l-edukazzjoni u t-taħriġ, l-affarijiet soċjoekonomiċi, u riforma tal-amministrazzjoni pubblika, biex jiġi żgurat li l-istandards għoljin u l-valuri promossi mill-UE jiġu riflessi fir-riformi li jmiss fil-Vjetnam, inkluż fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-istrumenti internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem li tagħhom il-Vjetnam huwa parti; jinnota bi tħassib li s-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem marret għall-agħar mindu daħal fis-seħħ il-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni;

5. Jissottolinja li l-Partijiet u l-investituri jeħtiġilhom jirrispettaw l-istandards u l-obbligi internazzjonali rilevanti kollha tad-drittijiet tal-bniedem; jisħaq fuq ir-responsabbiltajiet tal-investituri, f'konformità mal-Linji Gwida tal-OECD għall-Intrapriżi Multinazzjonali u mal-Prinċipji Gwida tan-NU dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem; ifakkar li n-

negozji għandhom jikkonformaw mal-istandards internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem u dawk ambjentali; jistieden lill-UE u lill-Vjetnam jikkooperaw biex jiżviluppaw pjan ta' azzjoni għall-ġlieda kontra t-tħaddim tat-tfal, inkluż il-qafas meħtieġ għall-intrapriżi;

6. Jappoġġja għalkollox impenn kontinwu, ġenwin u orjentat lejn ir-riżultati fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem bejn l-UE u l-Vjetnam, inkluż fil-qafas tad-djalogu bilaterali dwar id-drittijiet tal-bniedem u laqgħat oħra ta' livell għoli rilevanti għall-investiment bilaterali; jitlob li jissaħħaħ id-djalogu annwali bejn l-UE u l-Vjetnam dwar id-drittijiet tal-bniedem bl-involviment tas-soċjetà ċivili lokali indipendenti u tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem; jisħaq fuq il-fatt, f'dan ir-rigward, li jeħtieġ li l-Kummissjoni u s-SEAE jkunu partikolarment attenti għall-fatt li s-soċjetà ċivili indipendenti sfat vittma ta' repressjoni ħarxa u topera bil-moħbi minħabba biża' ta' persekuzzjonijiet u ritaljazzjoni; jiddispjaċih li f'tal-anqas żewġ okkażjonijiet, il-Vjetnam żamm f'detenzjoni attivisti ftit qabel id-djalogi; jinsisti fuq l-importanza li jitqajmu każijiet individwali u li tiġi segwita s-sitwazzjoni tagħhom matul dawn id-djalogi; jiddispjaċih għan-nuqqas ta' kwalunkwe riżultat tanġibbli wara diversi sessjonijiet ta' djalogi bejn l-UE u l-Vjetnam dwar id-drittijiet tal-bniedem; jitlob li l-informazzjoni li tasal mingħand organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti tiġi kkunsidrata fid-djalogi, li għandhom ikunu mmirati lejn riżultati konkreti;

7. Jissottolinja l-importanza li l-Ftehim dwar il-Protezzjoni tal-Investiment jista' jkollu biex jikkontribwixxi għat-titjib fl-istandards tal-għajxien, jippromwovi l-prosperità u l-istabbiltà, u jgħin biex javvanza l-istat tad-dritt, il-governanza tajba, l-iżvilupp sostenibbli u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem fil-Vjetnam, filwaqt li jippermetti wkoll li l-UE trawwem l-objettivi tagħha ta' paċi u stabbiltà fir-reġjun; jisħaq li r-rispett mingħajr riżervi ta' dawk il-valuri universali jagħmel parti mill-kundizzjonijiet ta' kwalunkwe ftehim bejn l-UE u stat terz; jinsab imħasseb dwar in-nuqqas ta' obbligi infurzabbli dwar id-drittijiet tal-bniedem għall-investituri;

8. Jinnota li l-ġurisprudenza ta' Sistema ta' Qorti tal-Investiment għandha tiżgura r-rispett tal-istandards tad-drittijiet tal-bniedem; jinnota li l-ispejjeż għoljin assoċjati mal-proċeduri ta' Sistema ta' Qorti tal-Investiment jistgħu potenzjalment inaqqsu l-aċċess għall-ġustizzja u r-rimedju għaċ-ċittadini milquta; jiddispjaċih li s-soċjetà ċivili jista' jkollha aċċess u kapaċità limitati għall-parteċipazzjoni f'każijiet minħabba n-nuqqas ta' dispożizzjonijiet *amicus curiae* garantiti;

9. Jirrakkomanda li l-Parlament jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-ftehim biss jekk ir-rakkomandazzjonijiet ta' din ir-riżoluzzjoni jkunu ġew ippromulgati legalment u b'mod effettiv.

# PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| | |
|---|---|
| **Titolu** | Ftehim ta’ Protezzjoni tal-Investiment bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam, min-naħa l-oħra |
| **Referenzi** | 2018/0358M(NLE) |
| **Kumitat responsabbli** | INTA |
| **Opinjoni(jiet) mogħtija minn**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | AFET<br>24.10.2019 |
| **Rapporteur għal opinjoni**<br>Data tal-ħatra | Isabel Wiseler-Lima<br>30.9.2019 |
| **Eżami fil-kumitat** | 14.10.2019 2.12.2019 |
| **Data tal-adozzjoni** | 4.12.2019 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 48<br>–: 8<br>0: 6 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Alexander Alexandrov Yordanov, Maria Arena, Traian Băsescu, Phil Bennion, Fabio Massimo Castaldo, Susanna Ceccardi, Włodzimierz Cimoszewicz, Gina Dowding, Tanja Fajon, Michael Gahler, Giorgos Georgiou, Raphaël Glucksmann, Klemen Grošelj, Bernard Guetta, Márton Gyöngyösi, Sandra Kalniete, Andrius Kubilius, Ilhan Kyuchyuk, David Lega, Nathalie Loiseau, Jaak Madison, Thierry Mariani, David McAllister, Vangelis Meimarakis, Sven Mikser, Javier Nart, Urmas Paet, Demetris Papadakis, Tonino Picula, Manu Pineda, Kati Piri, Diana Riba i Giner, Catherine Rowett, Nacho Sánchez Amor, Isabel Santos, Jacek Saryusz-Wolski, Radosław Sikorski, Sergei Stanishev, Hermann Tertsch, Idoia Villanueva Ruiz, Viola Von Cramon-Taubadel, Irina Von Wiese, Witold Jan Waszczykowski, Charlie Weimers, Isabel Wiseler-Lima |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Andrea Cozzolino, Arnaud Danjean, Loucas Fourlas, Jytte Guteland, Andrzej Halicki, Martin Horwood, Katrin Langensiepen, Hannah Neumann, Juozas Olekas, Kris Peeters, Bert-Jan Ruissen, Mick Wallace, Javier Zarzalejos, Bernhard Zimniok |
| **Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Heidi Hautala, Gilles Lebreton, Geoffrey Van Orden |

## VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| 48 | + |
|---|---|
| ID | Bernhard Zimniok |
| NI | Fabio Massimo Castaldo, Márton Gyöngyösi |
| PPE | Alexander Alexandrov Yordanov, Traian Băsescu, Arnaud Danjean, Loucas Fourlas, Michael Gahler, Andrzej Halicki, Sandra Kalniete, Andrius Kubilius, David Lega, David McAllister, Vangelis Meimarakis, Kris Peeters, Radosław Sikorski, Isabel Wiseler-Lima, Javier Zarzalejos |
| RENEW | Phil Bennion, Klemen Grošelj, Bernard Guetta, Martin Horwood, Ilhan Kyuchyuk, Nathalie Loiseau, Javier Nart, Urmas Paet, Irina Von Wiese |
| S&D | Maria Arena, Włodzimierz Cimoszewicz, Andrea Cozzolino, Tanja Fajon, Raphaël Glucksmann, Jytte Guteland, Sven Mikser, Juozas Olekas, Demetris Papadakis, Tonino Picula, Kati Piri, Nacho Sánchez Amor, Isabel Santos, Sergei Stanishev |
| VERTS/ALE | Gina Dowding, Heidi Hautala, Katrin Langensiepen, Hannah Neumann, Diana Riba i Giner, Catherine Rowett, Viola Von Cramon-Taubadel |

| 8 | - |
|---|---|
| ECR | Bert-Jan Ruissen, Jacek Saryusz-Wolski, Hermann Tertsch, Geoffrey Van Orden, Witold Jan Waszczykowski, Charlie Weimers |
| GUE/NGL | Manu Pineda, Mick Wallace |

| 6 | 0 |
|---|---|
| GUE/NGL | Giorgos Georgiou, Idoia Villanueva Ruiz |
| ID | Susanna Ceccardi, Gilles Lebreton, Jaak Madison, Thierry Mariani |

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni